MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Avviz Numru. 25/2005

Socjeta’ Gatt Construction Ltd

Vs

Frank Bugeja

Il-Qorti,

**Kawza fejn is-socjeta attrici qeghda titlob hlas ghall-bejgh u konsenja ta’ *concrete*.**

Rat l-avviz prezentat mis-socjeta attrici fis-16 ta Dicembru 2005 li permezz tieghu qeghda titlob il-hlas tas-somma ta’ erbat elef mitejn u sitta u disghajn lira Maltija u hames centezmi (Lm4,296.05) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar ghall-bejgh u konsenja ta’ konkrit li sar fuq inkarigu tal-konvenut f’Ghajnsielem, Ghawdex liema bilanc ghadu ma thallasx.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut fit-3 ta' Frar 2006 (fol. 6) fejn eccepixxa:-

1. Preliminarjament l-inkompetenza tal-Qorti *ratione valoris*.
2. Il-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikoli 2156(f) u 2148(b) tal-Kodici Civili.
3. fil-mertu l-ebda ammont mhu dovut ghall-bejgh u konsenja tal-konkos, kif jigi pruvat dettaljament waqt is-smiegh tal-istess avviz.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Frank Bugeja et vs Gatt Construction Ltd** (Rikors numru: 12/2006) li qeghda wkoll tigi deciza llum.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' April 2008 minn fejn jirrizulta li l-konvenut irrinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:-

1. Fis-seduta tas-17 ta' April 2008 id-difensur tal-konvenut spjega:-

*(i) Fir-rigward tas-somma ta' sitt elef mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm6,251) ammont li s-socjeta attrici qeghda titlob dan m'huwiex dovut ghaliex qatt ma kien hemm ftehim illi s-socjeta attrici tippretendi xi hlas ghall-fatt illi kienet qeghda ggorr u titfa' materjal fis-site fejn kien qed isir ix-xoghol ghall-barriera tas-socjeta attrici.*

*(ii) VAT fuq il-concrete in kwantu s-socjeta' attrici qeghda tippretendi 18% meta r-rata kienet 15%. Dr. Noel Camilleri ghas-socjeta attrici jaqbel ma' din is-sottomissjoni.*

(iii) *Mhu dovut l-ebda ammont ta' imghax fuq il-concrete u f'kull kaz l-imghax ma jistax ikun dovut qabel id-29 ta' Dicembru 2005 meta s-socjeta attrici bdiet tippretendi tali imghax, ghalhekk il-pretensjoni li ghandu jithallas xi imghax mis-sena 2000 hija minghajr bazi.* (fol. 76).

2. M'hemmx kontestazzjoni li l-konvenut xtara l-concrete minghand is-socjeta attrici:-

(a) Is-socjeta attrici pprovdiet concrete lill-konvenut u fadal x'jithallas bilanc fl-ammont ta' elfejn tlett mija u sebgha u tletin lira Maltija (Lm2,337).

(b) Fuq il-bilanc trid tithallas it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud bir-rata ta' 15%. Ghalhekk il-hlas dovut bhala VAT hu ta' tlett mija u hamsin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm350.55).

Il-kontestazzjoni hi dwar il-hlas ta' imghax in kwantu s-socjeta attrici qeghda tippretendi hlas b'effett minn Jannar 2002. Il-Qorti ma taqbilx. Fir-*remittance advice* li ntbaghatet fid-29 ta' Novembru 2003 (fol. 48) mis-socjeta attrici jinghad: ***"Please settle this bill in one week time otherwise interest will be added."***. M'hemmx dubju li l-att kien att kummercjali u ghalhekk l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-konsenja sakemm mill-provi ma jirrizultax li l-kreditur ikun ta lid-debitur perjodu ta' zmien li fih ghandu jwettaq il-hlas;

**1141.** (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.

Is-socjeta attrici ma ressqitx provi dwar meta saret il-konsenja, u f'kull kaz mid-dikjarazzjoni li ghamlet fid-dokument a fol. 48 jidher li ma kenitx qeghda tippretendi hlas ta' imghax ghall-perjodu ta' qabel intbaghat ir-*remittance advice* datat 29 ta' Novembru 2003.

2. Bejn il-kontendenti kien hemm negozju iehor. Dan kien jikkonsisti li s-socjeta attrici nkarigat lill-konvenut biex jaqta' blat u jgorr il-materjal fil-progett ta' Chambray. F'dan ir-rigward kien gie ffirmat ftehim (datat 29 ta' Novembru 1999) bejn il-kontendenti li bih is-socjeta attrici tat appalt lill-konvenut *"...ta' tqattiegh, mili, garr u rimi ta' blat mill-Progett ta' Chambre f'Ghajnsielem, Ghawdex, ghall-prezz ta' Lm1.25 kull metru kubu. Dan ix-xoghol ghandu jinbeda immedjatament u jkompli sejjer sakemm jitlesta."* (fol. 22). Filwaqt li l-konvenut jippretendi li ghad ghandu jithallas bilanc [ara l-kawza **Frank Bugeja et vs Gatt Construction Ltd** (Rikors numru 12/2006)] , min-naha taghha s-socjeta attrici tippretendi li fir-rigward ta' dan ix-xoghol hi kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' disgha mija u hamsa u tmenin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm985.88), hlas *dovut "...ghall-garr ta' materjal ta' blat mill-progett ta' Chambray illi ahna konna tajna l-appalt lill-konvenut. Dan peress illi kien hemm zmien fejn il-blat illi kien qieghed iqatta' l-konvenut mis-site kien qieghed jintrema fil-barriera ta' wiehed imsejjah, maghruf bhala il-Kus. Kien hemm problemi mal-MEPA.... Ahna ftehemna bejnietna illi niehu hsieb il-garr tal-materjal jiena u ghal dan imbaghad niccargja lilu."* (xhieda ta' Mario Gatt, direttur tal-kumpannija attrici moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju 2007 - fol. 16). Fl-ammont li qeghda tippretendi s-socjeta attrici, cjoe' ta' Lm4,296.05[1] hemm inkluz is-somma ta' Lm985.88 (li hu bilanc minn somma akbar) relatat mal-garr ta' blat mill-progett Chambray. Il-konvenut qieghed jikkontesta li qatt kien hemm xi ftehim li l-materjal li jingarr mis-socjeta attrici jkollu jhallas tieghu. Dwar din il-kwistjoni l-Qorti tat decizjoni llum fil-kawza fl-ismijiet **Frank Bugeja et vs Gatt Construction Ltd** (Cit. nru: 12/2006), fis-sens li l-fir-rigward tal-appalt moghtija mis-socjeta attrici lill-konvenut ghat-*"tqattiegh, mili, garr u rimi ta' blat"*, l-ebda hlas iehor mhu dovut. Fic-cirkostanzi u sabiex tigi evitata ripetizzjoni bla bzonn il-Qorti ser taddotta *mutatis mutandis* ir-ragunament maghmul fis-sentenza fuq imsemmija.

[1] Ghaxart elef u sebgha euro u hdax-il centezmu (€10,007.11).

3. Il-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi tal-konvenut li n-negozju kien wiehed. Ma tressqux provi f'dan is-sens u l-Qorti temmen li l-appalt moghti permezz tal-ftehim datat 29 ta' Novembru 1999 (fol. 22) hu distint mill-bejgh u konsenja ta' konkrit lill-konvenut. Mario Gatt xehed: *"Jiena nichad li seta' kien hemm xi ftehim bejna u Frank Bugeja illi dwar l-ammont dovut lilna fuq il-konkrit..... ikun hemm tpacija ma' l-ammont li l-kumpannija taghna kellha thallas lill-konvenut ghall-appalt."* (fol. 16). Ghalkemm jirrizulta li fir-rendikont imhejji mill-konvenut (fol. 20) is-somma ta Lm2,337 giet ridotta mill-ammont li jippretendi li ghad fadallu jircievi minghand is-socjeta attrici, ma rrizultax li kien hemm xi ftehim simili u inoltre fil-kawza **Frank Bugeja et vs Gatt Construction Ltd** (Cit. nru:- 12/2006) il-Qorti kkonkludiet li l-hlas li sar fit-12 ta' Novembru 2001 kien l-ahhar pagament li kien dovut lill-konvenut ghall-appalt ta' tqattiegh ta' blat fil-progett ta' Chambray.

Ghalkemm hu minnu li fl-avviz prezentat fis-16 ta' Dicembru 2005 l-ammont kollu qieghed jintalab ghall-bejgh u konsenja ta' concrete, bla dubju l-provi juru li s-somma ta' Lm985.88 m'ghandha x'taqsam xejn ma' bejgh u konsenja ta' concrete. Hu maghruf li m'hemm xejn li jipprekludi lill-attur milli jipprocedi b'att gudizzjarju wiehed: *"Ebda ligi ma tipprojbixxi l-kumulu ta' azzjonijiet, accettat anke mid-duttrina, barra minn f'xi kazi fejn ikun hemm disposizzjonijiet espressi u kuntrarji, dak per ezempju li ma tistax tezercita l-azzjoni petitorja u possessorja flimkien, meta l-ezercizzju ta' wahda jeskludi l-ezercizzju ta' l-ohra"*[2]. (Vol. XXIX.i.1087).

4. Ghal dik li hi eccezzjoni tal-konvenut (*"Preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti rationae valoris"*), l-abbli difensur tal-konvenut argumenta li n-negozju hu wiehed. Il-Qorti diga' waslet ghal konkluzjoni li dan mhuwiex minnu. Inoltre fir-rigward tas-somma ta' Lm985.88, fil-kors tas-smiegh tal-provi l-

[2] **Giovanna Spiteri vs Enrico Soler et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Ottubru, 1937 (Vol. XXIX.i.1087).

konvenut imposta d-difiza fis-sens li l-ebda hlas ma kien dovut ghall-materjal li ngarr mis-socjeta attrici. Il-konvenut ma kienx qieghed jikkontesta l-konteggi li saru, izda sempliciment li ma kien hemm l-ebda ftehim li s-socjeta attrici tithallas ghall-garr ta' materjal li kien parti mill-ftehim ta' appalt li sar fid-29 ta' Novembru 1999. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

5.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut[3] u tikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta':-

(a) Hamest elef erbgha mija u tlieta u erbghin euro u sebgha u hamsa u erbghin centezmu (€5,443.75) prezz ghall-begjh u konsenja ta' concrete; u

(b) Tmien mija u sittax-il euro u sitta u hamsin centezmu (€816.56) bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

Bl-imghax fuq is-somma ta' hamest elef erbgha mija u tlieta u erbghin euro u sebgha u hamsa u erbghin centezmu (€5,443.75) b'sehh mis-7 ta' Dicembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv. Spejjez jinqasmu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) jithallsu mill-konvenut u kwart (1/4) mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Il-Qorti tastjeni milli tqies it-tieni eccezzjoni in kwantu fis-seduta tas-17 ta' April 2008 il-konvenut irrinunzja ghaliha (fol. 76).